# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Ottubru 2024**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Guramentat Numru:- 1360/1980JVC**

Renato Ellul, Lucia mart Victor Salomone u l-istess Victor Salomone bhala aministratur tal-beni perafernali appartenenti lill-martu Lucia Salomone u Maria D'Agatha u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Frar 1996 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Joseph, Adrian, Godfrey, Elisabeth sive Betta Ellul u Antoinette mart Philip Pullicino flok missierhom Renato Ellul li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2004 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'Antoine Salomone, Anna Galea u Anthony Galea bhala werrieta ta' Victor Salomone u Lucia Salomone nee` Ellul u Vanessa u Jeremy ahwa Salomone bhala werrieta ta' Albert Salomone bin l-imsemmi Victor Salomone u Lucia Salomone nee` Ellul b'dan illi fil-kaz ta' Anthony sive Antoine

Salomone jigi trasfuz il-gudizzju f'Adrian Salomone, Joanna Bonello Salomone u Michael Salomone skond digriet tas-26 ta' Marzu 2003 u permezz ta' digriet datat 2 ta' Gunju 2022 l-atti gew trasfuzi minn Godfrey Ellul ghal Joseph Ellul u martu Helga Ellul u l-atti f'isem Adrian Ellul gew trasfuzi f'isem l-Avukat Christian Ellul u Chiara Ellul Hensel stante li Godfrey Ellul u Adrian Ellul trasferew id-drittijiet taghhom lilhom u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2016 giet ordnata t-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn Michael Salomone f'isem Ferdinand Grech u permezz ta' digriet datat 5 ta' Ottubru 2021 l-atti gew trasfuzi f'isem Victor Galea Salomone, Dr Arthur Galea Salomone, Nutar Marieliese Buhagiar, Antoine Galea Salomone u Dr Francis Galea Salomone stante li r-rikorrenti Anna Galea mietet fil-mori tal-kawza u permezz ta' digriet fil-verbal datat 5 ta' Mejju 2022 stante l-fatt illi Maria D'Agata mietet fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem Dolores sive Didi Busietta, Maria Rosaria sive Ria Gollcher u Marco Franco D'Agata u peress illi Marco Franco D'Agata miet fit-22 ta' Marzu 2003 l-atti qed jigu trasfuzi f'isem Rebekah D'Agata

vs

Victor Cilia, Joseph Micallef, Lawrence Attard u Oreste Cilia u b'digriet datat 10 ta' Mejju 2023 l-atti f'isem Joseph Micallef qed jigu legitimizzati f'isem Joanne Micallef (ID 313269M), Robert Micallef (ID 378568M) u Allison Robinson (ID

399475M) stante li Joseph Micallef miet fil-mori u b'digriet datat 29 ta' Novembru 2023 l-atti f'isem Victor Cilia qed jigu trasfuzi f'isem Bernardette Saliba (357071M) u Doreen Cilia (128875M)

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tar-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

'Billi jirrisulta illi l-konvenuti jew l-awturi taghhom b-kuntratt tat-12 t'Ottubru 1970 fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona hawn anness u markat Dokument 'A' xtraw u akkwistaw minnghand Joseph Schembri porzjoni divisi mill-art denominata "ta' Braxia" sive "Ta Braxis" kuntrada tal-Blata il-Bajda, limiti tal-Hamrun b-dikjarazzjoni skorretta ta' provenjenza billi dik indikata fl-istess att tirreferi ghall-art "Ta' Braxia" mentri l-art in kwistjoni jisimha "Tal-Kubrit" u fl-istess att ta' provenjenza hemm deskrizzjoni u pjanti li jikkonfermaw dana il-fatt.

Premess illi l-atturi, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma il-proprjetarji ta' l-Art 'de quo' .

Premess illi l-konvenuti gew inutilment interpellati jirrestitwixxu lill-atturi dina l-art.

Jghidu il-konvenuti il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-art li akkwistaw bl-att fuq imsemmi kif murija fil-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt b'kull kostruzzjoni fuqha esistenti hija tal-proprjeta ta' l-atturi minghajr ebda titolu validu u reali fuqha da parte tal-konvenuti.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 1979 u b'riserva ghall kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti ingunti minn issa biex jidhru ghas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni tal-attur Renato Ellul.

Jesponi bir-rispett u bil-giurament jikkonferma :

1. Illi in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona datat 12 ta' Ottubru 1970, il-konvenuti xtraw u akkwistaw minghand certu Joseph Schembri porzzjoni divisi mill-art denominata "Ta' Braxia" sive "Ta' Braxis" kuntrada tal-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun;

2. Illi fl-istess kuntratt hemm dikjarazzjoni skorretta ta' provenjenza billi dik hemm indikata tirriferi ghall-art "Ta' Braxia" waqt illi l-art in kwistjoni jisimha 'Tal-Kubrit';

3. Illi effettivament dina l-art tappartjeni lill-esponenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi billi l-konvenuti gew inutilment interpellati jirrestitwixxu l-art lill-esponenti qeda ssir dina c-citazzjoni sabiex il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara illi l-art b-kull kostruzzjoni fuqha esistenti tappartjeni lilhom.'.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-intimati li taqra kif isegwi:

1. 'Illi t-talba ta' l-atturi hi infondata stante li huma xtraw b'titolu tajjeb u in buona fede.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Dikjarazzjoni tal-konvenuti

Jesponu bir-rispett u bil-guramentat jikkonfermaw:

1. Il-konvenut Oreste Cilia u Lawrence Attard xtraw plot kull wiehed minghand Joseph Schembri bil-kuntratt esibit mill-atturi.
   Il-konvenut Oreste Cilia sussegwementement xtara 'plot' ohra mill-istess bicca art minghand Carmelo Bugeja.
   Il-konvenut Victor Cilia xtara 'plot' minghand Joseph Fava. Il-konvenut Joseph Micallef xtara 'plot' minghand Paul Tabone.

2. Illi indipendement mill-isem taghha, l-art li hi fil-pussess taghhom in forza tal-kuntratt imsemmi, taqbel, fl-irjieh u l-kejl taghha, ma' dik deskritta fil-kuntratt u fil-pjanta annessa mieghu.

3. Illi l-esponenti qatt ma kellhom raguni ghalfejn jahsbu li l-art hi ta' l-atturi u kienu hadu il-prekawzjonijiet kollha, qabel ma xtraw, biex jixtru tajjeb.

4. Ghalhekk ma setghux jaddivjenu ghal dak li interpellawhom l-atturi.'.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimat Victor Cilia li taqra kif isegwi:

'Illi hu ma xtara ebda art bil-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mill osservanza.'

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati a fol. 370 tal-process li taqra kif isegwi:

‘Illi t-talba tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti hija preskritta a tenur tal-artikolu 2140 (1) tal-Kodici Civili.

**Dikjarazzjoni tal-konvenuti**
Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma Oreste Cilia:

Illi t-talba tal-atturi fil-konfront tal-konvenut hija preskritta a tenur tal-artikolu 2140 (1) tal-Kodici Civili.’.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti a fol. 372 tal-process li taqra kif isegwi:

‘Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda, stante illi s-sid originali Joseph Schmebri, l-awtur tal-konvenuti, ipposseda l-art in kwistjoni, uti dominus, ghal aktar minn tletin sena u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.’.

Rat l-affidavits, xhieda, pjanta li tindika l-plots u l-ismijiet tal-proprjetarji, kuntratti, rapporti, ittri ufficjali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta’ Jannar, 1983 fuq qbil tal-partijiet gie nominat bhala Perit Legali Dr Henry Vassallo;

Rat ir-rikors ta’ Antoine Salomone, Anna mart Anthony Galea, u l-istess Anthony Galea bhala amministratur tal-beni parafernali ta’ martu Anna Galea, Vanessa u Jeremy ahwa Salomone ntavolat nhar is-6 ta’ Marzu, 1992 fejn permezz tieghu wara l-mewt ta’ (1) Lucia mart Victor Salomone u l-istess Victor Salomone – l-genituri tar-

rikorrenti Antoine u Anna ahwa Salomone, u (2) Albert Salomone missier ir-rikorrenti Vanessa u Jeremy ahwa Salomone talbu li l-Qorti joghgobha tordna it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tar-rikorrenti, u rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Jannar, 2004 fejn laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr Henry Vassallo intavolat nhar il-25 ta' Jannar, 1994 (fol. 299) fejn permezz tieghu talab li l-Qorti titterminalu l-inkarigu ta' Perit Legali minhabba li hu ma jistax jispicca l-inkarigu lilu moghti minhabba ragunijiet ta' hin u ragunijiet personali u rat id-digriet tal-Qorti datat 28 ta' Jannar, 1994 fejn issenjalat li l-inkarigu tal-Perit gie revokat fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 1993 u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors;

Rat illi permezz ta' digriet tat-23 ta' Marzu, 1994 (fol. 303) gie nominat bhala Perit Legali Dr Joseph M. Ciappara bl-istess inkarigu u fakultajiet;

Rat ir-rikors ta' Joseph, Adrian, Godfrey, Elizabeth sive Betta Ellul u Antoinette ahwa Ellul intavolat nhar it-22 ta' Jannar, 1996 fejn infurmaw lill-Qorti li fil-mori tal-kawza miet missierhom Renato Ellul u talbu lil Qorti tordna it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tar-rikorrenti halli jkomplu l-kawza flok l-imsemmi Renato Ellul salv kull provvediment li joghgobha taghti, u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 6 ta' Frar, 1996 fejn laqghet it-talba;

Rat it-talba ta' Dr Albert Grech ghall-attur li saret fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 1998 (fol. 323) fejn talab is-sostituzzjoni tal-Perit Legali stante li l-kawza ilha pendenti ghal zmien twil u rat li l-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba u ssostitwiet l-Perit Legali b'Dr Edwina Chetcuti bl-istess inkarigu;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Novembru, 2000 fuq talba tal-Perit Legali Dr Edwina Chetcuti li hija tenhtieg l-assistenza ta' perit tekniku, l-Qorti nnominat lil AIC Alan Saliba sabiex jassistiha;

Rat ir-rikors ta' Adrian Salomone, Joanna Bonello Salomone u Michael Salomone ntavolat nhar il-21 ta' Marzu, 2003 fejn infurmaw lil Qorti li fil-mori tal-kawza miet missierhom Anthony sive Antoine Salomone u talbu li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tar-rikorrenti salv kull provvediment li joghgobha taghti u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 26 ta' Marzu 2003 fejn laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tal-intimat Victor Cilia et intavolat nhar l-24 ta' Frar, 2005 (fol. 381) fejn permezz tieghu in vista tal-garanzija li l-bejjiegh jaghti lix-xerrej minhabba l-pacifiku pussess talbu l-kjamata fil-kawza ta' Reginald Schembri, Carmelo Bugeja u Paul Tabone, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar il-21 ta' April, 2005 u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 25 ta' Mejju, 2005 fejn ghall-motivi necessarji fir-risposta cahdet it-talba;

Rat illi sar appell mill-intimati mid-digriet moghti nhar il-25 ta' Mejju, 2005 fejn permezz tieghu talbu r-revoka tad-digriet imsemmi permezz ta' liema t-talba ghal kjamat in kawza ta' Reginald Schembri, Carmelo Bugeja u Paul Tabone giet michuda u tordna l-istess kjamati fil-kawza, rat ir-risposta tal-appell tar-rikorrenti ntavolata nhar it-28 ta' Novembru, 2005 u rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija nhar it-13 ta' Frar, 2007 (fol. 417) fejn cahdet l-istess u kkonfermat d-digriet ta' l-ewwel Qorti moghti fil-25 ta' Mejju, 2005;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat nhar it-3 ta' Mejju, 2005 fejn permezz tieghu talbu l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri u tal-affidavits ta' Reginald Schembri u Joseph Ciscaldi (fol. 375-380), rat ir-risposta tal-intimati ntavolata nhar it-3 ta' Mejju, 2005 u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti nhar is-16 ta' Gunju, 2005 fejn cahdet it-talba;

Rat illi l-Qorti bid-digriet tat-18 ta' April, 2007 (fol. 426) innominat lil Dr Richard Sladden bhala perit legali in sostituzzjoni ta' Dr Edwina Grima li giet elevata ghall-gudikatura;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba ntavolat fl-atti nhar il-25 ta' Novembru, 2010 u mahluf nhar it-18 ta' April, 2011 a fol. 505 et seq tal-process;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Richard Sladdenipprezentat fl-atti nhar it-2 ta' Dicembru, 2010 u mahluf nhar id-19 ta' April, 2011 a fol. 552 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Gunju, 2011 fuq talba tal-intimati l-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar, lill-Perit Dottor Robert Musumeci u lill-Avukat Dottor Vincent Galea bhala periti perizjuri;

Rat ir-rikors ta' Ferdinand Grech intavolat nhar it-18 ta' Mejju, 2016 fejn informa lill-Qorti li fil-mori tal-kawza r-rikorrenti Michael Salomone kien biegh u ttrasferixxa lilu s-sehem tieghu ta' wiehed minn sebgha u ghoxrin (1/27) parti ndiviza taz-zewg porzjonijiet art meritu ta' dina l-kawza inkluz id-drittijiet litigjuzi kollox kif jirrizulta minn kuntratt tas-26 ta' April, 2005 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta (fol. 585) moghti fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2016 fejn laqghet it-talba;

Rat ir-rapport addizzjonali u kongunt tal-Perit Legali Dr Vincent Galea u l-Perit Tekniku Dr Robert Musumeci u l-Perit Tekniku Mario Cassar esebit fl-atti nhar l-14 ta' Ottubru, 2020 u mahluf fl-14 ta' Jannar, 2021 a fol. 653 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni lill-Periti addizzjonali tal-intimati ntavolati nhar l-4 ta' Gunju, 2021 a fol. 693 et seq tal-process u rat ir-risposti tal-Avukat Dottor Vincent Galea ntavolati u mahlufa nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 a fol. 706 et seq tal-process, u rat ir-risposti tal-Perit Tekniku Dottor Robert Musumeci u l-Perit Tekniku Mario Cassar intavolati u mahlufa nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 a fol. 710 et seq tal-process, rat ukoll l-eskussjoni tal-Perit Dottor Robert Musumeci u l-Perit Mario Cassar li saret fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2022 a fol. 738 et seq tal-process, rat in-nota tal-intimati bid-domandi in eskussjoni lill-Periti addizzjonali ntavolata nhar l-1 ta' Awwissu, 2022 a fol. 809 et seq tal-process u rat ir-risposta tal-perit legali Dottor Vincent Galea intavolati u mahlufa nhar it-18 ta' Ottubru, 2022 a fol. 814 tal-process u rat ir-risposti tal-periti teknici l-Perit Dottor Robert Musumeci u l-Perit Mario Cassar intavolati nhar l-24 ta' Jannar, 2023 u mahlufa mill-Perit Dottor Robert Musumeci nhar l-1 ta' Frar, 2023 a fol. 815 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Victor Galea Salomone, Dr Arthur Galea Salomone, Nutar Marielise Buhagiar, Antoine Galea Salomone u Dr Francis Galea Salomone ntavolat nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 fejn permezz tieghu talbu t-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn fuq Anna Galea ghal fuq isimhom u dan stante li mietet fil-mori tal-kawza rat li Dr Mario Demarco u Dr Errol Cutajar ghall-intimati fil-verbal tal-5 ta' Ottubru, 2021 m'oggezzjonawx u rat li l-Qorti b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2021 laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn fuq Anna Galea ghal isem Victor Galea Salomone, Dr Arthur

Galea Salomone, Nutar Marielise Buhagiar, Antoine Galea Salomone u Dr Francis Galea Salomone;

Rat ir-rikors ta' Dolores sive Didi Busietta, Maria Rosaria sive Ria Gollcher u Rebekah D'Agata ntavolat nhar il-21 ta' Jannar, 2022 fejn infurmaw lil Qorti li fil-mori tal-kawza ossia fl-10 ta' Jannar, 2016 mietet Maria Dolores D'Agata u talbu li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna taghhom halli jkomplu l-kawza flok l-imsemmija Maria Dolores D'Agata, rat li l-intimati Victor Cilia et bir-risposta taghhom intavolata nhar l-4 ta' Frar, 2022 irrimettew ruhhom u rat id-digriet fil-verbal datat 5 ta' Mejju 2022;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-Periti Dr Vincent Galea, Perit Dottor Robert Musumeci u Perit Mario Cassar intavolat nhar id-9 ta' Mejju, 2022 a fol. 785 et seq tal-process fejn l-Periti Teknici ntalbu jipprezentaw il-pjanti mehmuza mar-relazzjoni, bl-inkluzjoni tal-amfiteatru;

Rat ir-rikors ta' Joseph Ellul, Helga Ellul, l-Avukat Dottor Christian Ellul u Chiara Ellul Hensel intavolat nhar il-5 ta' Mejju, 2022 fejn permezz tieghu in segwitu ghal xiri tal-kwoti ta' Godfrey Ellul u Adrian Ellul b'zewg kuntratti diversi talbu lill-Qorti sabiex tordna t-trasfuzjoni tal-atti ghar-rigward ta' Godfrey Ellul f'isem ir-rikorrenti Joseph Ellul u martu Helga Ellul u ghar-rigward ta' Adrian Ellul f'isem ir-rikorrenti Avukat Dottor Christian Ellul u Chiara Ellul Hensel, rat li ma dahlet l-ebda risposta u rat li l-Qorti b'digriet tat-2 ta' Gunju, 2022 laqghet it-talba kif dedotta u ordnat it-trasfuzjoni kif mitluba;

Rat ir-rikors tal-intimati intavolat nhar l-20 ta' Frar, 2023 fejn permezz tieghu talbu li din l-Qorti joghgobha jew tqabbad Perit Tekniku *ad hoc* jew tidderiegi lill-istess periti teknici addizzjonali kif

jidhrilha opportun, sabiex issir valutazzjoni tal-utile dominju temporanju ghaz-zmien li fadal sas-sena 2058, ta' dak il-persentagg tal-plot 1, 2, 3 u 4 li skont ir-rapport peritali in atti l-provenjenza tirrisali ghall-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1897 in atti Nutar Giuseppe Rossi fejn Paolo Ellul, l-allegata predecessur fit-titolu tar-rikorrenti, akkwista b'titolu ta' enfitewsi temporanju ghal mija u hamsin (150) sena, kif ukoll tad-danni, u dan fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 571 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar it-13 ta' Marzu, 2023 u rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta' April, 2023 fejn wara li tat diversi ragunijiet cahdet it-talba u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat illi Dr Mario Demarco ghall-intimati prezenta nota li fiha dokumentazzjoni li tevidenzja li l-intimat Joseph Micallef li gie nieqes fil-11 ta' Dicembru, 2022 halla bhala eredi tieghu lil uliedu Joanna Micallef, Robert Micallef u Allison Robinson u talab il-legittimazzjoni tal-atti minn fuq l-istess Joseph Micallef ghal fuq uliedu ndikati, rat li l-kontro-partijiet m'oggezzjonawx u rat li l-Qorti laqghet it-talba kif dedotta u ordnat il-legittimazzjoni;

Rat ir-rikors tal-intimati intavolat nhar id-19 ta' Mejju, 2023 fejn permezz tieghu talbu sabiex ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzahom jintavolaw appell mid-digriet in kamera ta' din il-Qorti tas-17 ta' April, 2023 liema digriet inqara fil-miftuh waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2023 u dan qabel is-sentenza definittiva, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar it-12 ta' Lulju, 2023 u rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Awwissu, 2023 fejn stante li qieset ukoll li dan ir-rikors huwa biss tentattiv iehor sabiex jitwalu l-proceduri odjerni oltre t-tlieta u erbghin sena li gia ilhom pendenti cahdet l-awtorizzazzjoni sabiex isir appell;

Rat ir-rikors ta' Bernardette Saliba u Doreen Cilia ntavolat nhar it-30 ta' Awwissu, 2023 fejn iddikjaraw illi fil-mori tal-kawza precizament fit-12 ta' April, 2023 miet l-intimat nomine Victor Cilia u fejn talbu li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tal-intimat f'isimhom proprju flok l-imsemmi Victor Cilia u dan ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ir-risposta tar-rikorrenti Renato Ellul et fejn irrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti u rat id-digriet tal-Qorti fil-verbal datat 29 ta' Novembru, 2023 fejn permezz tieghu laqghet it-talba;

Rat illi fil-verbal ta' l-10 ta' Mejju, 2023 u fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2023 il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, fejn filwaqt li r-rikorrenti esebew in-nota taghhom hekk kif awtorizzati fid-29 ta' Novembru, 2023 l-intimati pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fil-22 ta' Frar, 2024;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2024 saret it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni tinsab traskritta fl-atti a fol. 908 et seq tal-process u fl-istess seduta l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti jippremettu li l-intimati jew l-awturi taghhom fit-titolu b'kuntratt tat-12 ta' Ottubru, 1970 fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona kienu xtraw u akkwistaw minghand Joseph Schembri porzjoni diviza mill-art denominata 'Ta' Braxia' sive 'Ta' Braxis', fil-kuntrada tal-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun b'dikjarazzjoni skorretta ta' provenjenza billi dik indikata fil-kuntratt imsemmi jisimha 'Ta' Kubrit' u fl-istess att ta' provenjenza

hemm deskrizzjoni u pjanti li jikkonfermaw dan. Sostnew li kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza huma l-proprjetarji tal-art *de quo* u ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex jirrestitwixxu l-art dan kien ghalxejn. Ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li jigi dikjarat u deciz li l-art li akkwistaw l-intimati bl-att imsemmi tat-12 ta' Ottubru, 1970 fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona kif muri fil-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt b'kull kostruzzjoni fuqha ezistenti hija proprjeta' taghhom minghajr ebda titolu validu u reali fuqha da parte tal-intimati.

Illi l-intimati eccepew illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata stante li huma xtraw b'titolu tajjeb u in buona fede. Permezz ta' risposta ulterjuri l-intimat Victor Cilia eccepixxa li hu ma xtara ebda art bil-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza. B'risposta ulterjuri ohra l-intimati eccepew illi t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2140(1) tal-Kodici Civili. Permezz ta' risposta ulterjuri ohra eccepew ukoll minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda stante li s-sid originali Joseph Schembri, l-awtur tal-intimati, ppossessa l-art in kwistjoni, *uti dominus*, ghal aktar minn tletin (30) sena u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

**Kunsiderazzjonijiet dwar l-azzjoni odjerna:**

Hu stabbilit, anke bi qbil bejn il-partijiet kollha fil-kawza, li l-kawza odjerna hija l-azzjoni rivendikatorja kontemplata fl-Artikolu 322 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija wahda reali, u ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta' fil-proponent u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata; ghalhekk jehtieg li din l-azzjoni tigi istitwita kontra dak li attwalment jipposjedi l-haga, kontra

tieghu biss u ma tistax tkun promossa kontra min, meta ssir il-kawza, ma jkunx ghadu jippossjediha[1]. L-Artikolu 322 tal-Kodici Civili jiddisponi li:

> '322. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, is-sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura mingħand kull pussessur.
>
> (2) Il-pussessur li, wara li jkun ġie nnotifikat bit-talba ġudizzjarja għar-radd tal-ħaġa, ma jkomplix, b'għemil tiegħu nnifsu, fil-pussess ta' dik il-ħaġa, hu obbligat, bi spejjeż tiegħu, li jerga' jakkwista l-pussess tagħha għall-attur, jew, jekk ma jkunx jista' jagħmel hekk, li jħallsu tagħha daqs kemm tiswa, kemm-il darba l-attur ma jagħżilx li jdur kontra l-pussessur attwali.'.

Illi dwar il-grad tal-prova, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 850 et seq tal-process, ir-rikorrenti jghidu li llum il-grad ta' prova li r-rikorrenti ghandhom iressqu huwa ormai pacifiku, fis-sens illi ghandu jgib prova '*diretta, indipendente e assoluta*'[2] konkreta u konklussiva li ma thallix hjiel ta' dubju fir-rigward tat-titolu tieghu.[3] Isostnu li dan assolutament ma jfissirx li l-piz fuq ir-rikorrenti f'azzjoni ta' rivendika mhuwiex ferm oneruz. Anzi jekk mhuwiex mehtieg li tingieb il-'prova dijabolika' fis-sens klassiku ta' dan it-terminu, jispetta lir-rikorrenti li l-prova tat-titolu tieghu tkun:

---

[1] Ara decizjoni fl-ismijiet **Emmanuele Francica -vs- Anthony Camilleri noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' April, 1959.
[2] Ara decizjoni **Carmenu Debono -vs- Anton Grech** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April, 2021.
[3] Ara decizjoni **George Abela -vs- Joseph Cortis noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru, 2004.

*'kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, imur favur il-konvenut possessur.'*[4].

Jghidu wkoll li filwaqt li l-intimat pussessur m'ghandux ghalfejn jiftah halqu qabel ma tingieb tali prova, la darba tingieb, pero' sta ghalih sabiex jipprova titolu ahjar jew jipprovdi linja difensjonali ohra sabiex jiddefendi l-posizzjoni tieghu bhall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva jew kwalsiasi linja difensjonali rikonoxxuta mil-ligi jew il-gurisprudenza nostrali.

Illi l-intimati min-naha taghhom jaghmlu referenza ghall-grad tal-prova f'azzjoni bhal din kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn jikkwotaw minn diversi decizjonijiet u fit-trattazzjoni tal-5 ta' Marzu, 2024 a fol. 908 et seq tal-process fejn jghidu li r-rikorrenti jridu jippruvaw titolu assolut minghajr dubju u jekk jirnexxilhom jaghmlu hekk il-grad tal-prova jdur fuq l-intimati u jkun biss f'dik ic-cirkostanza li l-Qorti tinvestiga min ghandu l-ahjar prova.

Illi l-Qorti dwar l-azzjoni rivendikatorja u l-grad tal-prova necessarju f'kawza ta' dan it-tip taghmel referenza ghall-insenjamenti tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet **Emanuel Cauchi -vs- George Grech et** li elenkat diversi punti fil-fehma ta' din il-Qorti essenzjali, li ghandhom jigu osservati fl-*actio rei vindicatoria* kif isegwi:

> '9. Fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li għandu raġun il-konvenut ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta irriteniet li ladarba huwa fl-eċċezzjonijiet tiegħu ivvanta titolu fuq l-art inkwistjoni, allura sta għalih (il-

[4] Ara decizjoni **Emanuel Cauchi -vs- George Grech et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020.

konvenut) fl-ewwel lok li jipprova t-titolu tiegħu. Il-ġurisprudenza nostrana adirittura tgħallem il-kontra ta' dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Huwa dejjem l-attur li fl-ewwel lok irid jipprova t-titolu tiegħu, kemm jekk il-konvenut possessur ikun iddefenda ruħu bil-pussess, u kemm jekk ikun invoka t-titolu fuq l-art mertu tal-azzjoni. Din il-qorti fil-fatt tagħmel riferenza għas-segwenti insenjament tal-qrati tagħna:

- L-attur f'kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjeta` fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, imur favur il-konvenut possessur.[5]

- Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tiegħu. Il-konvenut f'din l-azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il-kawża......Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill-possessur.[6]

- Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piż tal-prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi ċari, uniċi u indubbi, it-titolu proprju.[7]

- Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtiġilhiex tidħol fl-eżami tal-allegat titolu tal-konvenut għaliex f'dik l-eventwalita` xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-

[5] **Mario Galea Testaferrata et v. Giuseppi Said et** (Q. App. 1 ta' Lulju 2005)

[6] **Perit Carmelo Falzon v. Alfred Curmi** (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995)

[7] **Cassar noe v. Barbara et** (Q. App. –Sede Kumm. - 7 ta' Ottubru 1980)

preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jeżistix, jikombi fuq il-konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u ċert.[8]

- Jekk l-attur ma jippruvax it-titolu tiegħu m'hemmx lok li l-qorti tgħaddi biex teżamina l-provi tal-konvenut li hu jkun ressaq biex jipprova t-titolu tiegħu.[9]

10. L-ewwel Qorti naqset għal kollox milli teżamina t-titolu vantat mill-attur. Hija eżaminat it-titolu vantat mill-konvenut, dehrilha li dan ma ġiex pruvat u għalhekk awtomatikament u konsegwentement ikkonkludiet li l-attur ipprova t-titolu tiegħu! Dan huwa skorrett għall-aħħar u għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa ampjament fondat.'.

Illi l-Qorti rat li fil-mori tal-kawza gew nominati perit legali u perit tekniku u anke periti addizzjonali legali u teknici li trattaw il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Il-Periti teknici AIC Alan Saliba, u wara l-periti addizzjonali l-AIC Dottor Robert Musumeci u l-AIC Mario Cassar individwaw li porzjon art okkupata mill-intimati, li skont l-intimati hija proprjeta' taghhom, ma gietx akwistata mill-venditur taghhom. Madanakollu minn harsa fid-dettal lejn ir-rapporti tal-periti legali u teknici, jirrizulta li ghalkemm dawn ghamlu referenza u ezaminaw id-diversi kuntratti nkwantu deskrizzjoni, qisien, irjihat u pjanti, mressqa kemm da parte tar-rikorrenti, kif ukoll da parte tal-intimati, huma effettivament ma

[8] **Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger** (Q. App. 5 ta' Ottubru 2001)

[9] **Norbert Agius v. Anthony Vella et** (Q. App. 25 ta' April 2008)

dahlux fil-kwistjoni tat-titolu tar-rikorrenti u skont x'jirrizulta jsir ezami tat-titolu tal-intimati – kif titlob kawza bhal din. Infatti dan gie ammess mill-perit legali addizzjonali l-Avukat Dottor Vincent Galea meta ressaq ir-risposti tieghu in eskussjoni ghad-domandi (a fol. 706 u a fol. 814 tal-process) li saru lilu mill-intimati fejn fir-rigward huwa rrisponda:

Risposta tal-Perit Legali Vincent Galea ghad-domandi in eskussjoni li sarulu bin-nota tal-1 ta' Gunju, 2021 a fol. 693 tal-process.

'**<u>RISPOSTA</u>**

Minn qari tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ma jirrizultax li huma ikkontestaw it-tiotlu tal-atturi. F'kull kaz, jiena ezaminajt l-kuntratti u l-atti relattivi u wasalt ghal konkluzzjonijiet li jirrizultaw mir-rapport kongunt.'

Risposta tal-Perit Legali Vincent Galea ghad-domandi in eskussjoni li sarulu bin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2022 a fol. 811 tal-process.

'2. B'referenza ghat-tieni mistoqsija, l-esponenti jirrileva li ma ghamiltx tali investigazzjoni u dan kif diga spjegat precedentement fl-ewwel set ta' mistoqsijiet in eskussjoni. Ma kien hemm l-ebda eccezzjoni fuq it-titolu tal-atturi. Ghalhekk galadarba l-konvenuti ma kienux qeghdin jikkontestaw tali titolu allura ma dehrlix li kelli noqghod ninvestiga fid-dettal dan il-fatt.'.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Perit Legali.  Fl-ewwel lok, fid-dawl tal-insenjamenti tal-qrati nostrali, partikolarment dik kwotata fl-ismijiet **Cauchi -vs- Grech et**, fi procedura bhal din, l-ewwel li ghandu jigi ezaminat huwa t-titolu tar-rikorrenti, liema titolu ghandu jigi ppruvat minnhom b'mod komplet u konklussiv,

b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, imur favur l-intimati. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kas la darba l-intimata eccepew li huma akkwistaw permezz ta' titolu validu dan ifisser li allura l-intimati qeghdin fil-fatt jikkontestaw it-titolu vantat mir-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-intimat Victor Cilia mressqa fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ntavolata nhar l-1 ta' April, 1981 u sussegwentementtghaddi sabiex fil-mertu tezamina t-titolu vantat mir-rikorrenti.

**<u>L-eccezzjoni tal-intimat Victor Cilia ssollevata fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-1 ta' April, 1981 a fol. 13 tal-process:</u>**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu l-intimat Victor Cilia eccepixxa li huwa ma xtara ebda art bil-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi mill-atti jirrizulta li huwa minnu li l-intimat Victor Cilia ma akkwistax l-art in kwistjoni bil-kuntratt tat-12 ta' Ottubru, 1970 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, pero' akkwista bil-kuntratt tas-26 ta' Settembru, 1972 a fol. 604 et seq tal-process. Illi kif inhu risaput, f'kawza jrid ikun hemm rabta bejn il-premessi u t-talbiet u fil-kaz odjern din ir-rabta tezizti aktar u aktar in vista tal-fatt li r-rikorrenti rabtu t-talba mal-premessa fejn talbu dikjarazzjoni li l-art li akkwistaw l-intimati bil-kuntratt indikat fil-premessi u cioe' dak tat-12 ta' Ottubru, 1970 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona hija proprjeta' taghhom b'kull kostruzzjoni fuqha u l-intimati qeghdin jokkupaw l-art imsemmija minghajr titolu validu fil-ligi. Invista tal-fatt li l-intimat Victor Cilia m'akkwistax il-proprjeta' tieghu bl-imsemmi kuntratt tat-12 ta' Ottubru 1970, il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tilqa' din it-talba fil-konfront ta' Victor Cilia. Lanqas ma jirrizulta fl-atti li ntalbet xi

korrezzjoni f'dan is-sens. Ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat Victor Cilia u tghaddi sabiex tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Titolu tar-rikorrenti:</u>**

Illi r-rikorrenti jindikaw li t-titolu taghhom fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna jorigina mill-eredita' ta' certu Paolo Ellul. Ir-rikorrenti Renato Ellul fix-xhieda tieghu moghtija lura fis-6 ta' Frar, 1985 jixhed fir-rigward is-segwenti:

> 'L-art in kwistjoni weritija mill-eredita gjacenti ta' Paolo Ellul, iz-zija tieghi, Dan hu mejjet madwar hamsa u sittin sena. Xi tletin sena wara li gie nieqes zijuhi, cioe qabel ma skadi it-terminu tat-tletin sena, jiena u ohrajn b'nota prezentata fis-sekond Awla accettajna l-istess eredita, u dana minghajr il-benificju tal-inventarju. Din in-nota kienet saret f'isem Antonio Ellul, missier li dak iz-zmien kien ghadu haj. Antonio Ellu, wiehed mil-eredi accetta l-eredita wahdu. Jiena ma nafx jekk Paolo Ellul hux xtara din l-art jew inkella writha.'.

Illi bhala prova dokumentarja r-rikorrenti ressqu ammont konsiderevoli ta' kuntratti li huma relatati maghhom, kif ukoll ohrajn li huma relatati mal-intimati. F'dan l-istadju l-Qorti ser tikkwota mill-kuntratti li ghandhom x'jaqsmu mal-allegat titolu tar-rikorrenti u li huma s-segwenti:

1. Kuntratt ta' enfitewsi temporanja ghal perijodu ta' mija u hamsin (150) sena datat 28 ta' Mejju, 1897 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Rossi a fol. 83 et seq tal-process liema koncessjoni bdiet mis-16 ta' Jannar, 1908 fejn min-naha l-wahda deher Dun Nicola Camilleri bhala prokuratur ta' legat fondat mis-Sacerdot

Altoblandino Testaferrata Abela marbut mal-knisja tas-Siggiewi u min-naha l-ohra Paolo Ellul fejn ghadda s-segwenti:

> '… ha concesso e con titolo di enfiteusi temporanea per anni centocinquanta contabili dai di in cui sfifera' la precedente concessione, cioe' dal sedici Gennajo mille nove cento e otto, al Signor Banchiere Paolo Ellul figlio del Signor Giuseppe nato e residente in Valletta, presente da me cognito ed accettante il fondo posto al Hamrun denominato tal Kubrit, oggi ridotto in fabbricati consistente in una casa con giardino segnato Numero cinquecento quarantadue, piu' ai Numeri cinquecento quarantatre, al cinquecento quarantasei vi e' un mezzanino e camera, grande ricetto con bovile e stalle, una clausura consistente in varie lenze con pezzo capace di tummoli sei e mondelli tre, che ha per confine da tramontana un vincolo, e da levante in parte lo stesso vincolo e in parte con beni del Conte Sant, giusta la relazione annessa al presente atto per registrarsi, fatta dal Perito Francesco Pace Bardon del sedici Novembre mille ottocento novanta due …'.

Illi mal-imsemmi kuntratt hemm anness dokument a fol. 89 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li l-fond kien gia koncess precedentement b'enfitewsi temporanja ghal disgha u disghin (99) sena lill-awturi fit-titolu ta' Paolo Ellul. F'dan l-istess dokument l-imsemmi Paolo Ellul huwa wkoll indikat bhala komproprjetarju tal-enfitewsi temporanja.

2. Kuntratt ta' divizjoni datat 2 ta' Dicembru, 1902 fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb a fol. 96 et seq tal-process bejn Paolo Ellul, Alosia mart Carmelo Caruana, Alfonso Ellul f'ismu

proprju u f'isem hutu Antonio, Francesco, Angelica, Teresa u Dolores ilkoll ahwa Ellul ulied il-mejjet Giuseppe Ellul. F'dan il-kuntratt, kif gja spjegat, il-proprjeta' li giet akwistata minn Paolo Ellul bil-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1897 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Rossi (fol. 83) giet diviza bejn l-ahwa Ellul. F'dan il-kuntratt il-fond in kwistjoni gie deskritt bil-mod kif isegwi:

> ' 12) L'utile dominio temporaneo del fondo posto al Hamrun, appellato "tal Cubrit" nel vicolo primo di Strada Reale Via San Guiseppe, soggetto all'anno canone di lire sterline, venticinque fino l'anno mille novecentonove ed all'anno canone di lire sterline cinquanta per altri anni centocinquanta contabili dall'anno mille novecentodieci in poi, - comprendendo tale fondo una casa con giardino annesso segnata coi numeri uno, due e tre, un ricetto segnato col numero quattro, attualmente ad uso di fabbrica di sapone con abitazione sovrapposta avente ingress dal vicolo segnato col numero cinque, un altro spazioso ricetto segnato col numero cinque A ed una chiusa di terre – confinando l'intero fondo da tramontana in parte col vicolo ed in parte con beni di Tommaso Grech e Giovanni Caruana, da levante pure col detto vicolo e da mezzodi in parte con beni alieni ed in piccola parte colla linea ferroviaria.'.

Fl-istess kuntratt dan il-fond gie diviz bil-mod segwenti:

> 'a) Di tale fondo la casa suddetta con giardino annesso coi numeri uno, due e tre di esso vicolo e' stata stimata …
>
> b) Il detto ricetto segnato col numero quattro in esso vicolo (formante pur parte di esso fondo) attualmente usato come

> fabbrica di sapone con abitazione sovrapposta segnata col numero cinque di esso vicolo e' stato stimato …
>
> c) Il detto ricetto segnato col numero cinque A in esso vicolo (formante pur parte di esso fondo) e' stato stimato …
>
> d) E la detta chiusa di terra (formante pur parte di esso fondo tal Cubrit) comprende quattro lenze di terreno con una conserva d'acqua piovana, un apprezzamento con alberi ed un cortile con ingresso dal vicolo "tal Cubrit", della capacita' superficiale di tumoli sette e misure otto …'.

Illi meta tellghu x-xorti bejn l-ahwa Ellul irrizulta li Paolo Ellul messu t-tielet porzjoni li kienet tikkonsisti proprju mill-art maghrufa bhala 'Tal-Kubrit' deskritta fil-paragrafu d). Din giet deskritta bhala s-segwenti:

> 'II) L'utile dominio temporaneo della chiusa di terre formante parte del fondo tal Cubrit, posto al Hamrun Vicolo Primo di Strada Reale via San Giuseppe, descritta all'inciso d, del precedente paragrafo decimo secondo di quest'atto e stimata lire sterline ottanta cinque;'.

3. Kuntratt ta' bejgh datat 2 ta' Jannar, 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino a fol. 236 et seq tal-process bejn min-naha l-wahda s-Sinjura Lucia mart Victor Joseph Salomone, s-Sur Renato Ellul ahwa Ellul ulied Antonio u Eliza nee' Renda, Is-Sinjura Victoria Ellul nee' Dunbar Cousin armla ta' Victor Ellul u s-Sinjura Maria Dolores maghrufa bhala Marie mart Franco D'Agata bint il-mejjet Victor Ellul u Victoria Ellul nee' Dunbar Cousin, u min-naha l-ohra s-Sur Joseph Ciscaldi li xtara u akwista s-segwenti:

'… l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li fadal mil koncessjoni ta mija u hamsin sena li bdiet fis-sittax ta Jannar tal elf disa mija u tmienja (1908) ta' porzioni ta art fabbrikabili formanti parti mill ghalqa msejha "tal Cubrit" li qgheda il Mile End limiti tal Hamrun facciata fuq Mile End Avenue tal-kejl ta' cirka tlett mija u tlieta u tmenin punt hamsa qasab kwadri (383.5q.k), tmiss mit-tramuntana ma l-iskola tal Gvern, min nofsinhar ma Mile End Avenue u mil punent ma beni ta' Salvatore Demanuele, bhala soggetta dina l-art ghac-cens annwu u temporanew ta' zewg liri (Lm2) pagabili lill legat fondat minn Don Altoblandino Testaferrata Abela anness mal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi, min haga ohra libera u franka.'.

F'dan il-kuntratt giet indikata bhala provenjenza l-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1897 fl-atti tan-Nutar Giuseppi Rossi li permezz tieghu l-Prokuratur tal-Veneranda Lampada tal-Knisja tas-Siggiewi kien ikkonceda l-ghalqa 'tal-Cubrit' u xi bini iehor maghha lil Paolo Ellul. Ghamlu referenza wkoll ghal kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 1902 fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb fejn l-art kienet giet diviza bejn Paolo Ellul u hutu. F'din il-parti ssir referenza li fil-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 1902 kienet saret assenjazzjoni minn Paolo Ellul tal-kwota ta' 7/8 mill-art 'Tal-Cubrit' u l-bini ta' maghha favur hutu. Ghalkemm il-Qorti rat il-kuntratt imsemmi hija ma sabitx referenza ghal assenjazzjoni kif indikat. Ghamlu wkoll referenza ghad-dettalji relatati ma' Paolo Ellul u cioe' meta gie nieqes fit-18 ta' Jannar, 1921 u li l-wirt tieghu baqa' gjacenti u gie accettat minn Lucia Salomone, Renato Ellul u Victor Ellul b'nota fis-Sekond Awla

numru 52/1951. Issir ukoll referenza ghad-denunzji ta' Paolo Ellul, liema denunzji ma gewx esebiti fl-atti.

4. Ittra ufficjali datata 5 ta' Marzu, 1976 mibghuta minn Lucia mart l-Ispizjar Victor Salomone, Renato Ellul u Maria d'Agata lill-Victor Cilia, Lawrence Attard, Joseph Micallef u Oreste Cilia fejn permezz taghha premettew illi l-art li l-intimati akwistaw minghand il-mejjet Joseph Schembri fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sciberras Trigona bl-att tat-3 ta' Lulju, 1970, ma tappartjenix lilu izda fil-parti kbira lilhom u dana l-ghaliex il-provenjenza ndikata fl-istess att tirreferi ghal art 'Ta' Brexia' mentri l-art in kwistjoni jisimha 'Ta' Kubrit' u fl-istess att ta' provenjenza hemm deskrizzjoni u pjanti li jikkonfermaw dan il-fatt. Ghalhekk bl-ittra nterpellawhom sabiex jirrestitwixxu l-istess porzjoni art billi jersqu ghall-att opportun ta' rexissjoni zmien xahar u fin-nuqqas kienu ser jagixxu gudizzjarjament b'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni ghall-okkupazzjoni llegali. Jirrizulta li l-intimati kollha gew notifikati b'din l-ittra ufficjali (kopja ta' din l-ittra tinsab annessa mal-qoxra tal-process volum numru 2).

5. Ittra ufficjali datata 17 ta' Lulju, 1979 mibghuta mill-Ispizjar Victor Salomone, Renato Ellul u Marie D'Agatha lill-Victor Cilia, Lawrence Attard, Joseph Micallef u Oreste Cilia li permezz taghha avzawhom li l-art li akkwistaw minghand il-mejjet Joseph Schembri fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona tat-12 ta' Ottubru, 1970 ma kinitx tappartjeni lilu pero' lilhom u dan peress li l-provenjenza ndikata fl-istess att tirreferi ghall-art 'Ta' Braxia' mentri l-art in kwistjoni jisimha 'Tal-Kubrit' u fl-istess att ta' provenjenza hemm deskrizzjoni u pjanti li jikkonfermaw dan il-fatt. Jirrizulta li l-intimati kollha gew

notifikati b'din l-ittra ufficjali (kopja ta' din l-ittra tinsab annessa mal-qoxra tal-process volum numru 2).

6. Kuntratt ta' bejgh datat 9 ta' Lulju, 1980 fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini a fol. 236 et seq tal-process fejn min-naha l-wahda deher Loris Serge li deher fuq l-att ghan-nom tal-Gvern ta' Malta u min-naha l-ohra Victor Joseph Salomone a nom u fl-interess ta' martu Lucia Salomone u Renato Ellul ulied il-mejtin Antonio Ellul u Elisa nee' Renda, kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' Maria Dolores sive Marie mart Franco D'Agata fejn bieghu u trasferew lill-Gvern ta' Malta s-segwenti:

> '…l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li fadal minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sittax ta' Jannar elf disa mija u tmienja ta' bicca art formanti parti mill-art "Tal-Kubrit" fil-Hamrun, tal-kejl ta' elfejn erba mija tmienja u tmenin metri kwadri, inkluza kamra illum demolita, tmiss mill-majjistral ma' gid tal-eredi ta' Carmelo Scicluna, minn nofsinhar ma' gid tal-eredi ta' Paolo Ellul, mill-punent u lbic ma' gid tal-Gvern, jew irjieh verjuri, soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu temporanju ta' lira erbgha u ghoxrin centezmi u millezmu.'.

Bhala provenjenza f'dan il-kuntratt gie ndikat il-kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Dicembru, 1902 fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb. Gie ndikat ukoll illi Paolo Ellul miet fit-18 ta' Jannar, 1921 u li l-wirt tieghu gie accetta fil-15 ta' Jannar 1951 minn Renato Ellul, Vittorio Ellul u Lucia Salomone ulied huh Antonio bis-sahha ta' nota 52/1951 prezentata fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 1951. Gie ndikat ukoll li d-denunzja ta' l-imsemmi Paolo Ellul giet moghtija fl-10 ta'

Novembru 1921 skont kif jirrizulta minn certifikat anness ghalkemm kopja ta' dan ic-certifikat ma giex esebit mal-kuntratt.

7. Denunzja ta' Antonio Ellul intavolata fid-9 ta' Dicembru 1955 a fol. 256 et seq tal-process fejn jirrizulta li l-proprjeta' giet dikjarata wara li saret zieda. Infatti l-proprjeta' in kwistjoni hija mnizzla bl-uzu tal-pinna u mhux bl-uzu tat-'typewriter' kif inhi l-kumplament tad-denunzja. Il-proprjeta' giet indikata bhala:

> 'a) a portion of a field in the limits of Hamrun district of Blata l-Bajda called "Tal-Kubrit" forming part of the Mile End Sporting ground measuring T.6.3.0. An area of T.3.3.5 is being expropriated by Govt for the consideration of sterling 955. ...'.

8. Denunzja ta' Lucia Salomone ntavolata fis-sena 1988/1989 (billi t-timbru m'huwiex car) a fol. 262 et seq tal-process u fejn bhala parti formanti parti mill-immobbli proprjeta' ta' Lucia Salomone gie ndikat is-segwenti:

> '8. Deceased's estate also includes the right to accept the one undivided third (1/3) of the temporary utile dominium expiring Year 2060 of a built up site in the limits of Hamrun denominated 'tal-Kubrit'. Inheritance of banker Paolo Ellul (died 15/1/21) ownership in dispute therefore value is not indicated.'.

9. Applikazzjoni ndikata bhala 'Application and certificate for the purposes of section 39' ghal finijiet tad-'Death and Donations Duty Act, 1973' relatata mal-proprjeta' deskritta bhala:

> 'Sehem indiviz mill-ghalqa fil-limiti tal-Hamrun, Blata l-Bajda mgharufa "Tal-Kubrit" formanti parti min art akbar ta' kejl superficjali cirka 6 Tumoli u 3 sieghan u li giet assenjata lid-decujus bis-sahha tad-divizzjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb tad-2 ta' Dicembru 1902.'.

Ghalkemm jirrizulta li saret talba sabiex jingiebu kopja tad-denunzji ta' Paolo Ellul, fl-atti ma gew ipprezentati l-ebda kopji. Il-Qorti tqis li ghalkemm denunzja hija merament att dikjaratorju u mhux att traslattiv, fil-fehma tal-Qorti l-prova tad-denunzji kienet almentu tikkorrobora li Paolo Ellul effettivament kien il-proprjetarju tal-art mertu tal-kawza u li din l-art ghaddiet favur il-werrieta tieghu, prova li effettivament ma saritx fl-atti.

Illi dawn kienu d-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrenti bhala prova tat-titolu taghhom fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-kuntratti u d-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrenti minn fejn tqis li fl-ewwel lok hemm numru ta' diskrepanzi partikolarment fil-kuntratti esebiti u fit-tieni lok hemm vojt kbir fil-provi li skont il-Qorti kellhom jitressqu mir-rikorrenti. Dawn id-diskrepanzi u l-vojt fil-provi li jwasslu ghal bosta ghexieren ta' snin mhux operti minn ebda prova, jhallu dubju mhux zghir f'mohh il-Qorti dwar it-titolu vantat mir-rikorrenti.

Illi partikolarment il-Qorti tinnota illi:

1. Fil-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1897 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Rossi jirrizulta li l-allegat awtur fit-titolu tar-rikorrenti Paolo Ellul xtara proprjeta' fil-Hamrun maghruf bhala 'Tal-Kubrit' unikament f'ismu proprju. Sussegwentement l-istess Paolo Ellul resaq fuq kuntratt iehor din id-darba ta' divizjoni ma' hutu datat 2 ta' Dicembru, 1902 fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb

fejn il-proprjeta' li huwa kien akkwista f'ismu proprju bil-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1897 giet diviza fi tmien (8) porzjonijiet.

Ma jirrizultax mill-atti li l-imsemmi Paolo Ellul bejn l-perijodu tal-kuntratt t'akkwist tal-1897 u l-kuntratt ta' divizjoni tal-1902 assenja s-sehem ta' sebgha minn tmienja (7/8) lil hutu Alosia mart Carmelo Caruana, Alfonso, Antonio, Francesco, Angelica, Teresa u Dolores. Lanqas ma jirrizulta li din l-assenjazzjoni saret fil-kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Dicembru, 1902 fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb. Ghalkemm sussegwentement fil-kuntratt ta' bejgh datat 2 ta' Jannar, 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (fol. 236) bejn min-naha l-wahda Lucia Salomone, Renato Ellul, Victoria Ellul nee' Dunbar Cousin u Maria Dolores maghrufa bhala Marie mart Franco D'Agata u min-naha l-ohra Joseph Ciscaldi bhala provenjenza gie ndikat erronjament li saret assenjazzjoni bil-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 1902. Huwa car li lanqas hemm qbil bejn il-kuntratti nfushom fejn saret referenza ghal provenjenza. Dan apparti l-fatt li r-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-titolu taghhom fuq zewg tipi ta' kuntratti li huma totalment diversi minn xulxin billi l-kuntratt tal-1897 huwa wiehed traslattiv u l-kuntratt tal-1902 huwa wiehed ta' natura dikjarattiv.

2. Illi nonostante l-imsemmija assenjazzjoni minn Paolo Ellul favur hutu, xorta jista' jigi argumentat li jibqa l-fatt li lil Paolo Ellul skont l-istess assenjazzjoni jidher li messitu l-porzjoni li fuqha taqa' l-art mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti izda tqis li l-problemi tal-prova fuq ir-rikorrenti ma jifqux hawn. Fil-fatt fil-provi jirrizulta vojt ta' tlieta u sebghin (73) sena bejn il-kuntratt ta' divizjoni tal-1902 u l-ewwel kuntratt ta' bejgh tal-1976 esebit bhala prova. Ghal dak il-perijodu kollu r-rikorrenti ma resqux l-icken prova u dak li ghandha quddiemha l-Qorti huma biss

provi sekondarji ta' provenjenza li setghet takkwista minn kuntratti ohra.

Il-Qorti tirrileva li fl-atti la tressqu certifikati tal-mewt, la ricerki testamentarji sigrieti u pubblici u lanqas testmenti jekk kien hemm ta' Paolo Ellul. Il-Qorti m'hijiex edotta mill-fatt jekk dan Paolo Ellul kienx mizzewweg jew inkella guvni. Lanqas m'hija edotta jekk dan Paolo Ellul kellux tfal jew le. L-unika nformazzjoni li setghet takkwista huwa tramite l-kuntratti ta' bejgh datati 2 ta' Jannar, 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (fol. 236) u dak tad-9 ta' Lulju, 1980 fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini (fol. 236) minn fejn irrizulta li Paolo Ellul gie nieqes fit-18 ta' Jannar, 1921. Minn dawn iz-zewg kuntratti setghet ukoll takkwista l-informazzjoni li l-wirt ta' Paolo Ellul allegatament baqa' gjacenti ghal numru konsiderevoli ta' snin u skonthom gie accettat biss tlett (3) ijiem qabel m'ghadda l-perijodu ta' tletin (30) sena ghal accettazzjoni ta' wirt allegatament minn Lucia Salomone, Renato Ellul u Victor Ellul b'nota fis-Sekond Awla numru 52/1951.

Illi l-minimu ta' prova li kellhom iressqu r-rikorrenti u li fil-fehma tal-Qorti hija prova krucjali li turi kif huma akwistaw il-wirt kellha tkun in-nota ta' accettazzjoni tal-wirt ta' Paolo Ellul bin-numru 52/1951 ladarba r-rikorrenti nfushom iddikjaraw li huma akkwistaw b'dak il-mod. Illi hawn jidhol id-dubju jekk verament dahlitx din in-nota ta' accettazzjoni ta' wirt u jekk dahlet x'inhu l-kontenut ta' din in-nota u r-raguni ghalfejn allura r-rikorrenti a prezentawx kopja taghha lil din il-Qorti.

Illi din il-Qorti tqis li m'ghandiex quddiemha l-prova kif il-wirt gjacenti ta' Paolo Ellul ghadda f'idejn ir-rikorrenti u fuq kollox fhiex kien jikkonsisti dan il-wirt, prova li fil-fehma taghha hija

wahda crucjali. Jirrizulta wkoll nuqqas ta' qbil bejn dak iddikjarat fil-kuntratti msemmija billi hemm indikat li l-wirt gie accettat minn Renato Ellul, Vittorio Ellul u Lucia Salomone ulied Antonio Ellul u bejn dak iddikjarat mill-istess Renato Ellul fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Frar, 1985 fejn iddikjara li l-accettazzjoni tal-wirt saret minn missieru Antonio Ellul li dak iz-zmien kien ghadu haj.

3. Illi fid-denunzja ta' Lucia Salomone ntavolata fis-sena 1988/1989 (billi t-timbru m'huwiex car) (fol. 262) tirrizulta ncertezza dwar jekk effettivament il-wirt ta' Paolo Ellul giex accettat jew le. Dan billi gie ddikjarat li hemm '***the right to accept the one undivided third (1/3) of the temporary utile dominium expiring Year 2060*** *of a built up site in the limits of Hamrun denominated 'tal-Kubrit'. Inheritance of banker Paolo Ellul (died 15/1/21) ownership in dispute therefore value is not indicated.'* (enfazi tal-Qorti). Il-wirt jew gie accettat bl-imsemmija nota bin-numru 52/1951 jew inkella ma giex – kif donnhom qieghdin jindikaw id-dikjaranti f'din id-denunzja.

4. Finalment il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrenti hallew numru konsiderevoli ta' snin sabiex ipprocedew ghall-izgumbrament. Biss biss jekk hu minnu li r-rikorrenti accettaw il-wirt gjacenti ta' Paolo Ellul fil-15 ta' Jannar 1951, l-awtur fit-titolu tal-intimati Giuseppe Schembri kien gja akkwista numru ta' proprjetajiet fuq il-post mertu tal-kawza odjerna. Mid-dokumenti prezentati mir-rikorrenti nfushom jirrizulta li bil-kuntratt tad-9 ta' Awwissu 1935 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri (fol. 157) l-awtur fit-titolu tar-rikorrenti Giuseppe Schembri kien gja beda jakkwista bicciet proprjeta' fl-akwati. Mhux biss, l-intimati pproducew xhieda fosthom lil Joseph Ciscaldi (fol. 380) li qal li fuq l-art mertu tal-kawza odjerna, Giuseppe Schembri hamsin

(50) sena qabel kien itella l-kummiedji fiha, bl-ghajnuna ta' Meme Scicluna peress li go din l-ghalqa kien hemm amfiteatru. Jghid ukoll li kien jisma' lill-genituri tieghu jghidu li dawn il-kummiedji kienu jsiru minn qabel il-gwerra go l-amfiteatru minn Joseph Schembri. Segwa li l-intimati attwali xtraw u akkwistaw il-proprjeta' taghha fis-sena 1970. Ir-rikorrenti pprocedew bl-intavolat ta' l-ewwel ittra ufficjali fis-sena 1976 b'dan li hallew lill-intimati jipprocedu bix-xoghlijiet anke ta' bini ghal numru ta' snin qabel ma gharrfuhom bl-allegat provenjenza zbaljata. Indubbjament ir-rikorrenti ma setghux ma kienux a konoxxenza li fuq l-art, li skonthom kienet proprjeta' taghhom kienu qed jittellghu l-kummiedji u li wara terzi bdew jibnu fuqha.

Ghaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti u l-provi fl-atti jew ahjar nuqqas taghhom din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqux bizzejjed provi sal-grad rikjest mill-ligi li l-porzjoni diviza mill-art denominata 'Ta' Braxia' sive 'Ta' Braxis', drabi ohra maghrufa bhala 'Tal-Kubrit' fil-kuntrada tal-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun hija effettivament proprjeta' taghhom b'dana li l-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tichad it-talbiet taghhom.

Illi gjaladarba r-rikorrenti ma ppruvawx it-titolu taghhom sal-grad rikjest mil-ligi, l-Qorti, in linea wkoll mal-gurisprudenza suesposta m'ghandiex ghalfejn tipprocedi oltre fl-ezami tat-titolu vantat mill-intimati u dan in vista tal-insenjamenti tal-Qrati taghna li kwalunkwe dubju, anke l-icken fit-titolu tar-rikorrenti, ghandu jmur favur l-intimat pussessur.

**Preskrizzjoni:**

Illi nonostante dak suespost u ghall-kompletezza, l-Qorti tqis li ghandha wkoll taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali eccepita mill-intimati.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwizittiva trentennali ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi l-intimati permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ntavolata fit-22 ta' Frar 2005 ressqu eccezzjoni u cioe' li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda stante li s-sid originali Joseph Schembri, l-awtur fit-titolu taghhom ipposseda l-art in kwistjoni, *uti dominus*, ghal aktar minn tletin (30) sena u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet reali, personali u misti jaqra illi:

> 'L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'.

Dan l-artikolu ghandu jinqara konguntivament mal-Artikolu 2107 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jiddisponi:

> '(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi.'.

Dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, din il-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Lawrence Zammit Haber -vs- Joan Zammit Haber et** deciza nhar il-21 ta' April, 2015 irrilevat illi:

*'Il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin sena. Il-pussess ghandu jkun materjali u ntenzjonali, jigifieri l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu kif jinghad fl-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:*

*'(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.'*

*Id-difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil Laurent dwar it-tifsira ta' kull rekwizit kif isegwi:*

*1. <u>pussess kontinwu:</u> "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

*2. <u>pussess mhux miksur:</u> "Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

*3. <u>pussess pacifiku:</u> "La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

*4. <u>pussess pubbliku:</u> "Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

*5. <u>pussess mhux ekwivoku:</u> "Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).*

*Iz-zewg partijiet in oltre jiccitaw diversa gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali fosthom:*

***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella**, Qorti tal-Appell, 13 ta` Marzu 1953 fil-kawza (Kollez. Vol. XXXV.i.105):*

*'Illi pero' kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b'mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta' haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bona*

*fede ... Dan il-pussess b'ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.'*

*Fis-sentenza **Michael Farrugia et vs Joseph Cassar et** [Rik. Gur. 63/2004/AE] deciza fit-28 ta` Mejju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014, kienet citata silta minn sentenza tat-Tieni Sezzjoni Civili tal-Corte di Cassazione tal-Italja moghtija fit-18 ta` April 2003 kif isegwi:*

*'il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all'esercizio di un diritto dominicale sull'immobile (o di altro diritto reale di godimento sullo stesso).'*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet **Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. Francis Montanaro**, Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju 2003:*

*'Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilfix bin-nuqqas ta' uzu da parti tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu . . . Il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titiqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika 'longissimi temporis praescriptio'. Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta' li*

*hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawn il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita' tal-pussess animo domini, kongunta s'sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni. Jinsab insenjat ukoll illi l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'*[10]

*Ghal dak li jikkwalifika bhala pussess diversi decizjonijiet tal-Qrati Maltin*[11] *ikkonfermaw dak li josserva* ***Laurent*** *(Diritto Civil Vol XXX11, para 297) cioe':*

*'colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un istante all'altro.'*

*Dan il-bran gie kkwotat miz-zewg partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Louis Vella et vs. Joseph Gatt*** *(Prim'Awla, deciza nhar it-12 ta' April 2002 inghad kif isegwi:*

*'Biex wiehed ikollu pussess "pubbliku" irid jaghmel att ta' dominju fuq il-fond (ez, ihawwel sigar, igib hamrija, jtella' bini, ecc) ghax, altrimenti, il-pussess ma jkunx "pubbliku" .... Il-Ligi trid dan l-element biex min ikun interessat ikollu l-opportunita' jara x'inhu jigri fuq l-art ... Il-ligi trid li l-pussess ikun pubbliku biex it-terz interessat ikollu l-opportunita' jikkontrolla x'inhu jigri fuq l-art tieghu, it-terz interessat jitlef l-interess tieghu fuq art jekk jara jew*

---

[10] Fuq l-istess linja ara wkoll **Carmelo Caruana vs. Orsa Vella**, Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Marzu, 1953; **Joseph Aquilina noe vs. Sunny Homes Limited et**, Prim'Awla deciza 5 ta' Ottubru, 2004; **Katie Caruana Grech vs Victor Briffa Brincat**, Prim'Awla deciza fl-14 ta' Jannar, 2015.

[11] **Elena Fenech vs. Ignazio Aquilina**, Prim'Awla deciza 18 ta' Ottubru, 1984, **Marlene Manfre vs. Connie Spiteri Maempel**, Appell Civili deciza 24 ta' April, 1989.

*seta' jinduna x'inhu jigri fuq l-art u ma jaghmel xejn. Kif jghid ir-Ricci ("Diritto Civile" – Vol. V – para 56), il-pussess hu pubbliku "quando il possessore, nell'esercitarne gli atti relativi, si diporta in modi che che ha l'interesse ad acquistare conoscenza de medesimi puo' facilmente procurarsi.'*[12]

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Antonio Pace et vs Rev. Henry Abela O.P.****, Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Lulju 2004, debitament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 jinghad kif isegwi:*

*'Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali m'hemmx bzonn il-'giusto titolo' u lanqas il-'buona fede' minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun animo domini ... l-bona fede mhix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe' deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni (Vol. XXXV.i.105), u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet: It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003.'*

*Fil-fatt fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d`Amico Inguanez vs Emanuel Sammut****, Prim'Awla,*

[12] Ara wkoll **Helma Muscat Doublesin vs. Kummissarju tal-Art**, Prim'Awla deciza 26 ta' Novembru, 2010.

*deciza 28 ta` Marzu, 2003 jinghad kif isegwi:*

*'Mhux bizzejjed ikollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.'.*

Illi din il-Qorti rat fil-mori tal-kawza gie nominat bhala Perit Legali Dottor Richard Sladden li permezz tar-rapport tieghu ntavolat fl-atti nhar it-2 ta' Dicembru 2010 a fol. 552 et seq tal-process tratta proprju din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-konkluzjoni tieghu kienet li l-elementi tal-preskrizzjoni ma gewx pruvati u ghalhekk skonthu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi michuda. L-aktar parti ta' rilevanza hija s-segwenti:

'**17.** Illi jidher car, ghall-esponenti, li mill-kuntratti datati 09/08/1935 (Dok B), 21/02/1944 (Dok C), 21/03/1944 (Dok D), 11/01/1945 (Dok F), 07/08/1944 (Dok E), 03/07/1971 (Dok H), dawn il-141q.kw ma kienux parti mill-proprejta' akkwistata mill-istess Joseph Schembri. Huwa kellu proprjeta' mad-dawra kollha tal-inhawi izda dawk il-141q.kw huma definitivament eskluzi mill-kuntratti. In oltre, minbarra dan, ma jirrizultawx provi in atti li jistghu issahhu l-argument tal-kovenuti li Joseph Schembri kien qieghed jipposjedi qua sid ta' dawn il-141q.kw. Anzi jirrizulta li ma kienx cert x'proprejta' kellu; Schembri ghamel diversi kuntratti fosthom il-kuntratt ta' permuta (03 ta' Lulju 1971) li dwar il-perit tekniku jghid (Para. 57) *'li mhux car minn aspett tekniku f'dan il-kuntratt huwa kif Schembri ippermuta il-parti 'H' tieghu mal-parti 'Ca' ta' l-ahwa Saliba meta l-kuntratt Dokument 'C' tal-21 ta' Frar 1944, Dokument 'D' tal-21 t'Marzu 1944, u Dokument 'F' tal-11 ta' Jannar 1945 jindikaw li l-art 'Ca' kienet diga' tappartjeni lil Giuseppe Schembri.'* Bl-istess mod jista' ikun li meta biegh

il-proprjeta' permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Ottubru 1970 haseb li l-141q.kw kienet tieghu. Izda l-intenzjoni mhux bizzejjed. Kif jispjega l-gurista Dunod, "*Perche' essa sia efficace, occorre che il possesso che si potra' un giorno incovare contro il propietario sia da lui conosciuto; questo non e sufficiente: bisogna che esso annunzi, con i suoi caratteri, che il possessore intende essere il proprietario e che egli agisce come tale*". (*vide* "Zammit vs Bonello", L-Onorabbli Qorti tal-Appell deciza fid-19 ta' Marzu, 1983). Ma tezistix in atti, prova li Joseph Schembri agixxa bhala proprjetarju fuq l-art in kwistjoni. Kif inghad hawn fuq, il-prova trid tkun wahda cara u inekwivokabbli tant li fid-dubju l-Qorti ghandha tiddeciedi kontra min jinvoka l-preskrizzjoni. Ma giex ippruvat li kien hemm pussess li jirrizulta l-fatt materjali u intenzjonali.

**18.** Illi apparti l-kwistjoni tal-pussess, mhux car in oltre, meta Joseph Schembri, jekk kien il-kaz, beda jippossjedi qua sid. It-terminu jibda' jiddekorri ma' l-ewwel kuntratt li iffirma Joseph Schembri fejn xtara l-art mmarkata bhala 'B' f'Dok AS3. Din l-art kienet adjacenti l-art in kwistjoni. Pero ma hemmx prova li kien wara ta' dan il-kuntratt li huwa beda (allegatament) jipossjedi qua sid l-art in kwisjtoni. L-istess jinghad ghall-kuntratti sussegwenti. Hemm wisq dubji, skont l-esponent, dwar it-trapass ta' zmien u ghalhekk lanqas dak ma gie ppruvat mill-konvenuti.

**19.** Illi ghalhekk fil-kaz odjern l-esponenti huwa tal-fehma li l-elementi tal-preskrizzjoni ma gewx pruvati u jemmen li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.'.

Illi konsegwentement gew nominati periti addizzjonali partikolarment fuq din l-eccezzjoni l-Perit Legali Dottor Vincent Galea u fir-rigward din l-eccezzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili qabel ma dak li rrelata Dr Richard Sladden u ma zied xejn. Infatti l-konkluzjoni tieghu fir-rigward kienet:

> '27. Ir-relatur legali ulterjuri jiddikjara li huwa jaqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmulin mill-perit legali precedenti ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni u ma ghandu xejn xi jzid maghhom.
>
> **Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili sollevata mill-konvenuti kollha fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghhom datata 22 ta' Frar, 2005 (fol. 372) ghandha tigi michuda.**'.

Illi l-Perit Legali Dottor Richard Sladden jghid li mill-kuntratti datati 09/08/1935, 21/02/1944, 21/03/1944, 11/01/1945, 07/08/1944, 03/07/1971 jirrizulta li 141 q.kw ma kinux parti mill-proprjeta' akwistata mill-istess Joseph Schembri u dan kif konkluz mill-Perit Tekniku Alan Saliba. Jghid li in atti ma jirrizultawx provi li jistghu isahhu l-argument tal-intimati li Joseph Schembri kien qieghed jippossjedi qua sid ta' dawn l-141 q.kw. Il-Periti addizzjonali wkoll ikkonfermaw li hemm porzjon art li ma kinitx parti mill-proprjeta' akwistata minn Joseph Schembri.

Illi l-imsemmi Joseph Schembri biegh il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna lill-intimati jew l-awturi fit-titolu taghhom bil-kuntratti tat-12 ta' Ottubru, 1970 a fol. 221 et seq tal-process u tas-26 ta' Settembru, 1972 a fol. 604 et seq tal-process it-tnejn fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona u ndika bhala provenjenza tal-porzjon art mibjugha s-segwenti kuntratti:

a) Mill-poter tal-Konti Francesco Sant Cassia u ohrajn b'kuntratt tad-9 ta' Awwissu, 1935 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri a fol. 157 et seq tal-process;

b) Mill-poter ta' Maria Emma De Piro Gougion u ohrajn b'kuntratt tal-21 ta' Frar, 1944 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri a fol. 167 et seq tal-process;

c) Mill-poter tan-Nobbli Giuseppe Sant Cassia u ohrajn b'kuntratt tal-21 ta' Marzu, 1944 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri a fol. 181 et seq tal-process;

d) Mill-poter tal-Kurunell George Tancred Curmi u ohrajn tal-11 ta' Jannar, 1945 fl-atti Nutar Edoardo Calleja Schembri a fol. 204 et seq tal-process.

Illi fil-preskrizzjoni tentata, l-pussess ghandu mhux biss ikun wiehed materjali cioe' l-poter ta' fatt fuq haga, izda wkoll ghandu jkun wiehed intenzjonali, jigifieri jrid ikun hemm l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kienu hu proprjetarju.[13] Fil-preskrizzjoni akkwizittiva l-pussess ta' tletin (30) sena jista' jkun wkoll wiehed in *mala fede*, u cioe' fejn il-possessur ikun fil-fatt jaf li l-art li huwa qed jokkupa mhix tieghu: dan ifisser li ma joqghodx lura milli jaghmel affarijiet li jista' jaghmel is-sid stess.[14]

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Periti Legali u ser tghati r-ragunijiet ghalfejn. Fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandiex

---

[13] **Carmelo Caruana et -vs- Orsla Vella**, Appell Civili deciza fit-13 ta' Marzu, 1953.
[14] **Amabile Camilleri et -vs- Samuel sive Sunny Baldacchino**, Appell Civili deciza fis-26 ta' Mejju, 2021.

dubju li meta l-awtur fit-titolu tal-intimati, cioe' Giuseppe Schembri biegh lilhom jew l-awturi taghhom il-proprjeta' in kwistjoni, li huwa kien qieghed jaghmel dan bhala sid tal-proprjeta' mibjugha u dan johrog mill-istess kuntratt. Il-Qorti hija konvinta li Giuseppe Schembri kien konvint li huwa kien is-sid tal-art in kwistjoni tant li huwa kkwota l-kuntratti minn fejn akkwista l-proprjeta'. Ukoll, Giuseppe Schembri lanqas kellu ghaliex jiddubita' li l-proprjeta' in kwistjoni m'hijiex proprjeta' tieghu in vista li kien biss fis-sena 1976 li saret l-ewwel interpellazzjoni mir-rikorrenti lill-intimati li kienu qeghdin jokkupaw l-art minghajr titolu validu fil-ligi filwaqt li ma rrizultax li hu qatt gie mtellef fil-pussess tieghu. Illi mbaghad jekk kellu jigi argumentat li Giuseppe Schembri kien a konoxxenza tal-fatt li huwa m'huwiex il-proprjetarju, xorta jibqa l-fatt li l-element intenzjonali huwa prezenti anke meta proprjeta' hija mizmuma in *mala fede*. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-awtur fit-titolu tal-intimati kellu l-element intenzjonali rikjesti mil-ligi ghal finijiet tal-preskrizzjoni eccepita.

Illi dwar it-trapass ta' tletin (30) sena, l-Perit Legali Richard Sladden jidher li bhal donnu kellu dubju minn meta kellu jibda jiddekorri dan l-imsemmi perijodu – hux jekk mal-ewwel kuntratt meta xtara l-art jew inkella wara. Fil-fehma tal-Qorti gjaladarba l-awtur fit-titolu tal-intimati Giuseppe Schembri kellu f'mohhu li huwa qieghed ibiegh bhala s-sid tal-proprjeta' u dejjem ezercita l-poteri tieghu bhala s-sid tal-proprjeta', irrispettivament x'irrizulta mir-rapport tal-Periti Teknici, d-data li ghandha tittiehed bhala li minnha beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv ghandha tkun id-data tal-ahhar akkwist minnu (kwotata fil-provenjenza fil-kuntatt tat-12 ta' Ottubru, 1970) u cioe' dik tal-11 ta' Jannar, 1945. Il-Qorti qieghda tiehu din id-data in konsiderazzjoni billi fil-fehma taghha hija d-data li tikkonsolida l-akkwist kollu li ghamel Giuseppe Schembri fl-akkwati. L-ewwel ittra ufficjali li ntbghatet mir-rikorrenti lill-

intimati Victor Cilia, Lawrence Attard, Joseph Micallef u Oreste Cilia kienet fil-5 ta' Marzu, 1976 li giet notifikata lil partijiet kollha Lawrence Attard, Joseph Micallef, Oreste Micallef u Victor Cilia fil-5 ta' Marzu, 1976. Jekk kellha tittiehed id-data tal-5 ta' Marzu, 1976 bhala d-data tal-ksur tal-preskrizzjoni mad-data tal-ahhar kuntratt t'akwist ta' Giuseppe Schembri tal-11 ta' Jannar 1945 jirrizulta li kien hemm it-trapass ta' tletin (30) sena hekk kif rikjest mill-ligi. Ghalhekk l-element tat-tletin sena huwa wkoll sodisfatt.

Illi dak li jifdal x'jigi trattat huwa jekk giex ippruvat l-element tal-pussess tal-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom Giuseppe Schembri fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna. L-intimati sabiex isahhu t-tezi taghhom li huma u l-awtur fit-titolu taghhom Giuseppe Schembri kienu fil-pussess tal-art ghal aktar minn tletin (30) sena b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u li kien fil-pussess taghhom *uti dominus* ressqu bhala xhieda lill-Reginald Schembri u Joseph Ciscaldi permezz ta' affidavit a fol. 378 et seq tal-process. Fil-fatt iz-zewg xhieda kkonfermaw li l-art kienet ilha fil-pussess ta' Giuseppe Schembri l'fuq minn tletin (30) sena. Reginald Schembri bin Giuseppe Schembri xehed illi:

> 'Din l-art, inkluz l-art li fuqha hemm il-kwistjoni odjerna maghrufa bhala Ta Braxia fil-Blata l-Bajda, ilha fil-pussess ta' missieri sa minn qabel 1945. L-art, li hemm kwistjoni fuqha, ilha ghal aktar minn tletin sena fil-pussess ta' missieri qabel ma missieri ttrasferiha fis-sebghajnijiet lil Victor Cilia, Oreste Cilia u lil Carmelo Bugeja.
>
> Matul dan iz-zmien, u cioe' mill-1945 sa' meta l-art nbieghet lil konvenuti f'din il-kawza, missieri qatt ma gie mfixkel fit-

> tgawdija ta' din l-art u qatt hadd ma waqqfu milli jippossjedi u jinnegozja din l-art.'

Joseph Ciscaldi xehed illi:

> 'Fir-rigward tal-art li nxtrat minn Oreste Cilia, Victor Cilia, u Carmelo Bugeja, niftakar li Joseph Schembri kien itella' l-kummiedji fiha, bl-ghajnuna ta' certu Meme Scicluna, peress li go din l-art kien hemm amfiteatru. Dawn il-kummiedji naf li kienu jittelghu hamsin sena ilu peress li jiena kont noqghod f'dawn l-inhawi. Pero, il-genituri tieghi nismaghhom jghidu illi anke minn qabel il-gwerra kienu jittellghu l-kummiedji fl-amfiteatru minn Joseph Schembri fuq din l-art.'.

Illi ressqu wkoll bhala xhud lil Paul Tabone li xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol. 602 tal-process fejn ikkonferma li huwa jaf li l-kummiedji kienu ilhom isiru zgur mis-sena 1949:

> 'Jiena Paul Tabone niftakar li fil-Mile End, fuq wara tar-Radio City kienet tittella kummiedja. Dan Nafu ghaliex kont nisma' fuq ir-radio dak iz-zmien. Dan kien ghal habta tas-sena 1949.'.

Illi fil-verbal tal-5 ta' Mejju, 2022 (fol. 735) l-Periti Teknici addizzjonali kienu regghu gew inkarigati sabiex jaghmlu sovramposizzjoni ta' fejn jinsab dan l-imsemmi amfiteatru li jidher fil-pjanta a fol. 82 tal-process ghal fuq il-pjanta a fol. 691 tal-process. Dan ir-rapport addizzjonali sar u jinsab fl-atti a fol. 785 et seq tal-process u jikkonferma li l-amfiteatru kien jinsab proprju fuq l-art in kwistjoni.

Illi kkunsidrat dan kollu din il-Qorti tasal ghas-segwenti konkluzjoni:

1. Illi li l-pussess tal-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom kien wiehed kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku gie kkonfermat mix-xhieda msemmija li liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Mill-provi jirrizulta li l-ewwel darba li gew interpellati l-intimati kienet fis-sena 1976 u ghalhekk zgur li l-intimati ghamlu l-perijodu ta' sitt snin fil-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku wara li dahlu fiz-zarbun ta' dak ta' qabilhom. Illi dwar l-awtur fit-titolu taghhom Giuseppe Schembri, il-Qorti tqis li l-intimati ressqu provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li huwa kien fil-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku permezz tax-xhieda msemmija li l-Qorti tqis li hija wahda veritiera u genwina.

2. Illi l-pussess tal-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom kien wiehed pubbliku gie wkoll ikkonfermat billi fuq l-art in kwistjoni kienu jittellghu l-kummiedji, liema kummiedji kienu accessibbli ghal pubbliku mhux biss fuq il-post, izda wkoll tramite r-radio. Dawn il-produzzjonijiet tal-kummiedji huma kkonfermati mix-xhieda li kienu jsiru zgur mis-sena 1945.

3. Illi li l-pussess tal-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom kien wiehed mhux ekwivoku gie kkonfermat kemm mill-intimati nfushom u kif ukoll mid-dokumenti prezentati fl-atti billi l-intimati dejjem kienu konsistenti minn fejn akkwistaw il-proprjeta' taghhom u l-awtur taghhom fit-titolu dejjem iddikjara l-istess gherq tat-titolu fuq il-proprjeta' in kwistjoni.

4. In aggunta l-provi kollha proditti fl-atti jikkonfermaw li l-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom kellhom il-pussess tal-art

animo domini in kwistjonin ghaliex akkwistat permezz ta' kuntratt. L-awtur fit-titolu tal-intimati Giuseppe Schembri dejjem akwista b'kuntratti ta' bejgh u meta gie ghal bejgh dejjem ipproduca l-provenjenza. Dan jikkontrasta ferm mal-provi jew ahjar nuqqas ta' provi da parte tar-rikorrenti li dawn lanqas ipproducew provi kif l-art giet fil-pussess taghhom jekk qatt u wkoll skont il-verzjoni mressqa minnhom stess jirrizulta li dawn damu kwazi tletin (30) sena nieqes ftit jiem sabiex jaccettaw il-wirt ta' Paolo Ellul, jekk verament dan kollu sar ghaliex lanqas prova dwar dan ma tressqet.

Illi in vista ta' dak suespost il-Qorti tinsab konvinta li l-intimati u l-awtur fit-titolu taghhom ippossedew l-art mertu tal-kawza odjerna ghal perijodu ta' tletin (30) sena b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u li tali pussess taghhom kien wiehed *uti dominus.* Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimati Victor Cilia et.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni mressqa mill-intimat Victor Cilia bin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata 1 ta' April, 1981 u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tilqa' l-eccezzjoni mressqa mill-intimati permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom datata 6 ta' Jannar, 1981 a fol. 7 tal-process, sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u stante li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw sal-grad tal-prova rikjesta mil-ligi li huma s-sidien tal-art in

kontestazzjoni, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

3. Tilqa' wkoll l-eccezzjoni mressqa mill-intimati bin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata 22 ta' Frar, 2005 u tiddikjara applikabbli l-preskrizzjoni akwizittiva trentennali ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta favur l-intimati b'dana li anki ghal din ir-raguni tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez interament a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru, 2024**